DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1462

tat-2 ta' Settembru 2022

dwar ir-rekwiżiti tal-mezzi ta' komunikazzjoni bl-awdjo u bil-vidjo għall-intervista skont l-Artikolu 27(5) tar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 ([1]), b'mod partikulari l-Artikolu 27(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2018/1240 stabbilixxa Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) bħala sistema għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu eżenti mir-rekwiżit li jkollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni. Huwa stabbilixxa l-kundizzjonijiet u l-proċeduri biex tinħareġ jew tiġi rifjutata awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar.

(2) L-Unità Nazzjonali tal-ETIAS tal-Istat Membru responsabbli, meta teżamina u tiddeċiedi dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet għall-ivvjaġġar tista', taħt ċerti kundizzjonijiet, tistieden lill-applikant għal intervista fil-pajjiż ta' residenza tiegħu jew tagħha. Fil-prinċipju, jenħtieġ li din l-intervista ssir fil-konsulat li jkun jinsab l-eqreb lejn il-post ta' residenza tal-applikant.

(3) Jenħtieġ li l-komunikazzjoni bl-awdjo u bil-vidjo tiffaċilita l-proċedura ta' applikazzjoni filwaqt li tqis l-iżviluppi teknoloġiċi reċenti, u tipprovdi modi differenti biex issir intervista mill-bogħod. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu ddefiniti r-rekwiżiti għall-mezzi ta' komunikazzjoni bl-awdjo u bil-vidjo mill-bogħod. Jenħtieġ li dawn ir-rekwiżiti jinkludu regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*, is-sigurtà u l-kunfidenzjalità. Jeħtieġ ukoll li jiġu adottati regoli dwar l-ittestjar, l-għażla u t-tħaddim tal-għodod.

(4) Rigward it-trattament ta' *data* personali, din id-deċiżjoni tirreferi għar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). F'dan il-kuntest, jekk l-intervista tiġi rreġistrata, l-applikant għandu jiġi nnotifikat dwar ir-reġistrazzjoni u l-kunsens għar-reġistrazzjoni qabel il-bidu tal-intervista.

(5) Billi r-Regolament (UE) 2018/1240 jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka nnotifikat l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1240 fid-dritt nazzjonali tagħha. Id-Danimarka għaldaqstant hija marbuta b'din id-Deċiżjoni.

(6) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fihom ([3]); għalhekk l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

([1]) ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([3]) Din id-Deċiżjoni ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

(7) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([4]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt A, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE ([5]).

(8) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([6]) li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt A, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE ([7]).

(9) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ([8]) ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt A, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE ([9]).

(10) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi att li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen jew li b'xi mod ieħor huwa relatat miegħu fis-sens tal-Artikolu 3(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003, tal-Artikolu 4(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005 u tal-Artikolu 4(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2011 rispettivament.

(11) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ta l-opinjoni tiegħu fl-10 ta' Mejju 2021.

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Fruntieri Intelliġenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Rekwiżiti għall-mezzi ta' komunikazzjoni bl-awdjo u bil-vidjo, anki fir-rigward tal-protezzjoni tad-data, is-sigurtà u l-kunfidenzjalità

Ir-rekwiżiti għall-mezzi ta' komunikazzjoni bl-awdjo u bil-vidjo, anki fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data*, is-sigurtà u l-kunfidenzjalità, għal intervista ma' applikant skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament (UE) 2018/1240 huma stabbiliti f'din id-Deċiżjoni u fl-Anness.

([4]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

([6]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

([8]) ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

Artikolu 2

Ittestjar ta' għodod xierqa

1. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għandha tanalizza d-deskrizzjonijiet tal-għodod għall-komunikazzjoni bl-awdjo u bil-vidjo disponibbli fis-suq, tqabbilhom mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness u tagħżel minn qabel għodod għall-komunikazzjoni bl-awdjo u bil-vidjo li d-deskrizzjonijiet tagħhom jissodisfaw ir-rekwiżiti.

2. L-eu-LISA għandha, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, tittestja l-għodod magħżula minn qabel għall-komunikazzjoni bl-awdjo u bil-vidjo. It-testijiet għandhom, sa fejn ikun possibbli, iqisu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness.

3. L-eu-LISA għandha tanalizza r-riżultati tat-testijiet u tipprovdi lill-Istati Membri lista ta' għodod xierqa li huma rakkomandati.

4. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-eu-LISA għandha tanalizza mill-ġdid id-deskrizzjoni tal-għodod disponibbli fis-suq, tqabbilhom mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness u, fejn meħtieġ, tittestja l-għodod magħżula minn qabel bl-iskop li tirrakkomanda lill-Istati Membri lista aġġornata ta' għodod xierqa.

Artikolu 3

Għażla tal-għodod xierqa u l-operat tagħhom

1. L-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS għandhom jużaw:

(a) għodda magħżula mil-lista tal-għodod xierqa msemmija fl-Artikolu 2(3);

(b) kwalunkwe għodda oħra li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness.

L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-analiżi dwar jekk l-għodod imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-Anness u għall-ittestjar tagħhom.

2. L-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS għandhom ikunu responsabbli għall-monitoraġġ tal-operat tal-għodod u biex jiżguraw li l-għodod jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni u jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2016/679.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

1. Objettivi

Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-mezzi ta' komunikazzjoni bl-awdjo u bil-vidjo, anki fir-rigward tar-regoli dwar is-sigurtà u l-kunfidenzjalità.

2. Rekwiżiti għall-mezzi ta' komunikazzjoni bl-awdjo u bil-vidjo, anki fir-rigward tar-regoli dwar is-sigurtà u l-kunfidenzjalità:

#	Deskrizzjoni
1	L-għodda għandha tappoġġa l-konnettività permezz ta' brawżers tal-Internet minn tal-inqas tliet forniturі ta' brawżers/sistemi operattivi b'firxa wiesgħa.
2	L-għodda għandha tipprovdi l-possibbiltà ta' karatteristiċi awdjo duplex fil-banda (mhux ibbażati fuq it-telefonija) għas-sejħiet.
3	L-għodda għandha tipprovdi l-possibbiltà ta' telefonati bil-vidjo bl-użu ta' Webcam.
4	L-għodda għandha tipprovdi l-possibbiltà li l-intervistaturi jimmaniġġjaw il-preżenza u l-intervent tal-parteċipanti (jidentifikaw/jaċċettaw/jirrifjutaw, jattivaw/jiddiżattivaw il-kanal tal-awdjo, jattivaw/jiddiżattivaw il-kanal tal-vidjo).
5	L-għodda għandha tippermetti lill-utenti awtorizzati fl-Unità Nazzjonali tal-ETIAS tal-Istat Membru responsabbli jew f'wieħed mill-konsulati ta' dak l-Istat Membru, li jiddisponu minn kont permanenti tal-awdjo- u vidjokonferenzi, li jorganizzaw il-konferenzi tagħhom stess permezz tal-Internet. L-għodda għandha tipprovdi l-possibbiltà li ssir skeda bil-quddiem ta' awdjo- u vidjokonferenza u li jintbagħtu stediniet lill-applikanti.
6	L-għodda għandha tipprovdi l-possibbiltà li l-applikanti, li ma jkollhomx kont tal-awdjo- u vidjokonferenzi permanenti, jipparteċipaw f'sejħa bl-użu ta' applikazzjoni, li tkun disponibbli fuq l-Internet, u li tista' tintuża fuq kwalunkwe apparat (smart phone, tablet, laptop, u desktop) b'mill-inqas tliet forniturі ta' brawżers/sistemi operattivi b'firxa wiesgħa. Għandu jiġi żgurat li l-għodda tiġi offruta lill-applikant mingħajr ħlas.
7	L-għodda għandha tipprovdi l-possibbiltà li jiġu żgurati intervisti b'kodiċi PIN individwali jew password individwali b'użu uniku.
8	L-għodda għandha tipprovdi l-possibbiltà li jintuża chatting ta' test.
9	L-għodda għandha tipprovdi l-possibbiltà li d-dokumenti jiġu kondiviżi permezz tal-kondiviżjoni tal-iskrin tal-apparati elettroniċi.
10	L-għodda għandha tipprovdi l-possibbiltà li s-sejħiet jiġu rreġistrati f'każ li jkun meħtieġ mill-Unità Nazzjonali tal-ETIAS. L-għodda għandha tipprovdi l-possibbiltà li s-sejħiet jitniżżlu u jiġu ssejvjati lokalment.
11	L-għodda għandha tipprevedi kriptaġġ minn tarf sa tarf tal-komunikazzjonijiet kollha.
12	L-għodda għandha tipprevedi li l-komunikazzjonijiet kollha bl-awdjo u bil-vidjo jiġu lloggjati.
13	L-għodda għandha tkun disponibbli bl-aħħar patches approvati u verżjonijiet aċċettati.
14	L-għodda għandha tappoġġa meded ta' frekwenzi varjati.
15	Ir-rata ta' disponibbiltà tal-għodda imkejla fuq bażi annwali għandha tkun mill-inqas 99,5 %, ħlief għall-manutenzjoni ppjanata.